

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016 tal-PMO li tiffissa d-drittijiet individwali tiegħu meta daħal jaħdem fis-servizz tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA), inkwantu hija tirrifjuta fil-konfront tiegħu l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni ta' 16 % bis-saħħa tal-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u, konsegwentement, timplika l-assenza ta' għoti tad-drittijiet relatati magħha, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-ivvjaġġar hija annullata;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-diskussionijiet u tan-negożjati marbuta mal-perijodu li jiġpreċċedi r-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal u, b'mod partikolari, fuq il-ksur tal-aspettattivi leġittimi, tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali tar-rikorrent kif ukoll tad-drittijiet kweżiți minn dan tal-aħħar, minħabba l-analiżi f'daqqa waħda differenti tal-fajl tiegħu ta' drittijiet individwali;
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-kuntratt għal żmien determinat irregolat mil-liġi Belġjana invokat mill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika l-istabbiliment tar-residenza tar-rikorrent fil-Belġju waqt impjieg tiegħu ma' persuna privata li timpjega. Dan il-motiv huwa maqsum fi tliet partijiet.
  - l-ewwel parti, ibbażata fuq l-użu ħażin ta' poter u l-abbuż ta' poter li l-Kummissjoni allegatament wettqet billi eskludiet kull rabta ta' subordinazzjoni li hija kellha fil-konfront tar-rikorrent matul il-perijodu ta' impjieg bħala impjegat għal żmien determinat sabiex tiġġustifika lilha nnifisha fir-rigward tal-eżistenza ta' impjieg favur organizzazzjoni internazzjonali li bħala prinċipju għandha tirrinvija l-analiżi tal-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;
  - it-tieni parti, ibbażata fuq l-iżball ta' liġi, il-ksur tad-dispożizzjoni legali Belġjani fil-qasam ta' kuntratti għal żmien determinat kif ukoll fuq użu ħażin tal-liġi, allegatament imwettqa mill-Kummissjoni;
  - it-tielet parti, ibbażata fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni, u fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajiba.

---

### Rikors ippreżzentat fl-10 ta' Mejju 2017 – Monster Energy vs EUIPO – Bösel (MONSTER DIP)

(Kawża T-274/17)

(2017/C 221/51)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Monster Energy Company (Corona, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Marco Bösel (Bad Fallingbostel, il-Ġermanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenju: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenju: kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali "MONSTER DIP" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 118 211*

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Frar fil-Każ R 1062/2016-2

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tad-19 ta' April 2016 fl-oppożizzjoni B 2433681;
- tiċħad it-trade mark opposta għall-prodotti u għas-servizzi kollha;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikoli 8(1)(b), 8(4) u 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-5 ta' Mejju 2017 – King.com vs EUIPO – TeamLava (Icônes animées)**

(**Kawża T-96/17**)<sup>(1)</sup>

(2017/C 221/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 112, 10.4.2017.